*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Di Bucci u É. Gippini Fournier, aġenti)

**Suġġett**

Talba għal annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tat-13 ta' Awwissu 2008, li tingħalaq il-proċedura miftuħa abbażi tal-Artikolu 21(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004, tal-20 ta' Jannar 2004, dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 40), fir-rigward ta' operazzjoni ta' konċentrazzjoni bejn ir-rikorrenti u Autostrade SpA (Każ COMP/M.4388 Albertis/Autostrade).

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

(2) *Abertis Infraestructuras, SA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 167, 18.7.2009.

## Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Mejju 2010 — Noko Ngele vs Il-Kummissjoni

### (Kawża T-15/10 R)

***("Proċeduri għal miżuri provviżorji — Talba għal miżuri provviżorji — Rekwiżiti proċedurali — Inammissibbiltà")***

(2010/C 195/31)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Mariyus Noko Ngele (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: F. Sabakunzi, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: A. Bordes, aġent)

**Suġġett**

Essenzjalment, talba intiża sabiex tiġi ddikjarata l-illegalità tal-attività taċ-Ċentru għall-Iżvilupp tal-Impriżi (CDE) fil-Belġju, sabiex il-Kummissjoni u l-aġenti tagħha jiġu pprojbiti milli jkollhom relazzjonijiet finanzjarji maċ-CDE jew li jirrikonoxxu l-legalità taċ-CDE u sabiex il-Kummissjoni tiġi kkundannata tħallas somma lir-rikorrent fil-każ li l-Kummissjoni tirrikonoxxi din il-legalità.

**Dispożittiv**

(1) *It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.*

(2) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

## Rikors ippreżentat fit-28 ta' April 2010 — Ir-Repubblika tal-Ungerija vs Il-Kummissjoni Ewropea

### (Kawża T-194/10)

(2010/C 195/32)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika tal-Ungerija (rappreżentanti: J. Fazekas, M. Fehér u K. Szíjjártó, aġenti)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla l-inklużjoni min-naħa tal-Kummissjoni, fid-database E-Bacchus, f'dak li jirrigwarda s-Slovakkja, tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta "Vinohradnícka oblast' Tokaj", introdotta minflok id-denominazzjoni ta' oriġini protetta "Tokajská vinohradnícka oblast'", u

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-rikorrenti tikkontesta, billi tinvoka r-Regolament tal-Kunsill Nru 1234/2007 ([1]), il-validità tal-inklużjoni min-naħa tal-Kummissjoni, f'dak li jirrigwarda s-Slovakkja, tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta "Vinohradnícka oblast' Tokaj" fir-reġistru elettroniku tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetta tal-inbejjed u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (iktar 'il quddiem ir-"reġistru E-Bacchus").

Insostenn tar-rikors tagħha, bħala l-ewwel motiv ir-rikorrenti ssostni li, billi bidlet id-denominazzjonijiet, il-Kummissjoni kisret id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1234/2007 u dawk tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 607/2009 ([2]), peress li, permezz tal-bidla inkwistjoni tal-isem li kien oriġinalment jinsab fir-reġistru E-Bacchus, hija żgurat protezzjoni awtomatika, fis-sens tal-leġiżlazzjoni l-ġdida, lil denominazzjoni li ma tistax tiġi kkunsidrata bħala "[i]smijiet ta' nbejjed protetti eżistenti [denominazzjoni li attwalment tibbenefika minn protezzjoni]", fis-sens tal-Artikolu 118s tar-Regolament Nru 1234/2007.

F'dan ir-rigward ir-rikorrenti effettivament tqis li, meta daħlet fis-seħħ il-leġiżlazzjoni l-ġdida tal-Unjoni dwar is-suq tal-inbid, fl-1 ta' Awwissu 2009, kienet id-denominazzjoni "Tokajská/Tokajské/Tokajský vinohradnicka oblast'" li kienet tibbenefika minn protezzjoni Komunitarja, b'mod partikolari skont il-lista tal-inbejjed tal-mejda b'indikazzjoni ġeografika ([3]) u skont il-lista ta' nbejjed ta' kwalità ([4]).

Ir-rikorrenti tkompli tgħid li din il-konklużjoni hija kkonfermata wkoll minn eżami tal-liġi nazzjonali Slovakka, il-liġi Slovakka l-ġdida dwar l-inbejjed adottata fit-30 ta' Ġunju 2009, li tinkludi d-denominazzjoni "Tokajská vinohradnicka oblast'". Barra minn hekk, jekk ir-regolamenti applikabbli għandhom jiġu interpretati fis-sens li d-dħul fis-seħħ tal-liġi nazzjonali (fl-1 ta' Settembru 2009) ukoll huwa importanti fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-protezzjoni eżistenti, għaldaqstant għandu jiġi applikat l-Artikolu 73(2) tar-Regolament Nru 607/2009, jiġifieri li f'dan il-każ, anki d-denominazzjoni skont il-liġi l-ġdida għandha tiġi kkunsidrata bħala "[i]smijiet ta' nbejjed protetti eżistenti [denominazzjoni li attwalment tibbenefika minn protezzjoni]", fis-sens tal-Artikolu 118s tar-Regolament Nru 1234/2007.

Bħala t-tieni motiv tagħha r-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni, fiż-żamma u l-amministrazzjoni tar-reġistru E-Bacchus, u b'mod iktar partikolari billi wettqet l-inklużjoni inkwistjoni, kisret il-prinċipji fundamentali ta' amministrazzjoni tajba, ta' kooperazzjoni leali u ta' ċertezza legali, ipprovduti mid-dritt tal-Unjoni.

F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tqis li skont il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba il-Kummissjoni għandha, b'mod partikolari fid-dawl tal-importanza tar-reġistru inkwistjoni, l-obbligu li tiggarantixxi li dan ikun fih data awtentika, affidabbli u eżatta. B'mod partikolari, f'dan ir-rigward il-Kummissjoni hija obbligata teżamina liema denominazzjonijiet, u abbażi ta' liema liġi nazzjonali, kienu jikkostitwixxu, fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni l-ġdida dwar is-suq tal-inbid, denominazzjonijiet li jistgħu jitqiesu li huma "[i]smijiet ta' nbejjed protetti eżistenti [denominazzjonijiet li attwalment jibbenefikaw minn protezzjoni]". Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, sa fejn hija, la qabel u lanqas wara, ma informat lill-Gvern Ungeriż dwar il-bdil tal-ismijiet li jinsabu, f'dak li jirrigwarda s-Slovakkja, fir-reġistru E-Bacchus, minkejja li hija kellha tkun taf li dan jista' jaffettwa l-interessi tal-Ungerija. Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni kisret ukoll il-prinċipju ta' ċertezza legali, peress li hija fasslet u żammet ir-reġistru b'tali mod li, f'data liema tkun, l-ismijiet li jinsabu fih jistgħu jinbidlu b'effett retroattiv, b'tali mod li ma tistax tiġi ddeterminata d-data preċiża ta' meta seħħet il-bidla.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007, tat-22 ta' Ottubru 2007, li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU L 299, p. 1)

([2]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 607/2009, tal-14 ta' Lulju 2009, li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 fir-rigward tad-denominazzjonijiet tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti, termini tradizzjonali, it-tikkettar u l-preżentazzjoni ta' ċerti prodotti fis-settur tal-inbid.

([3]) Lista ta' ismijiet ta' unitajiet ġeografiċi iżgħar mill-Istat Membru kif imsemmija fl-Artikolu 51(1) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 (inbejjed tal-mejda b'indikazzjoni ġeografika) (ĠU 2009, C 187, p. 67).

([4]) Lista ta' nbejjed ta' kwalità prodotti f'reġjuni speċifiċi (ĠU 2009, C 187, p. 1).

## Rikors ippreżentat fis-6 ta' Mejju 2010 — Deutsche Telekom vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-207/10)**

(2010/C 195/33)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Deutsche Telekom AG (Bonn, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Cordewener u J. Schönfeld, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 8107 finali rettifikata, tat-28 ta' Ottubru 2009 (fil-verżjoni rettifikata tat-8 ta' Diċembru 2009) fir-rigward tal-miżuri meħuda fl-Artikolu 1(2) u (3) dwar ir-regoli ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi favur ċerti investituri Spanjoli;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti tikkontesta d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 8107 finali rettifikata, tat-28 Ottubru 2009, fejn il-Kummissjoni ddeċidiet li l-iskema ta' għajnuna, fil-forma ta' skema tat-taxxa taħt l-Artikolu 12(5) tal-Liġi dwar it-Taxxa Korporattiva Spanjola (iktar 'il quddiem "TRLIS") dwar l-amortizzazzjoni tat-taxxa ta' avvjament finanzjarju għall-akkwist ta' ishma sinjifikattivi f'impriżi barranin, li ġiet mogħtija lill-benefiċjarji fil-każ ta' akkwisti intra-Komunitarji, hija inkompatibbli mas-suq komuni. Id-deċiżjoni kkontestata tgħid li l-għajnuna trid tiġi rkuprata mir-Renju ta' Spanja.

L-ewwel nett, insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tqis li l-vantaġġ fiskali mogħti bl-applikazzjoni tal-Artikolu 12(5) TRLIS ingħata b'mod illegali, minħabba li r-Renju ta' Spanja ma kienx informa minn qabel lill-Kummissjoni bil-liġi rilevanti, bi ksur tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 88(3) KE (l-ewwel sentenza tal-Artikolu 108(3) TFUE), u billi fil-fatt applikaha, bi ksur tal-projbizzjoni ta' dħul fis-seħħ kif stabbilita fit-tielet sentenza tal-Artikolu 88(3) KE (it-tielet sentenza tal-Artikolu 108(3) TFUE).